Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 314/2018

Il-Pulizija
Spettur Arthur Mercieca

Vs

Stephen Borg

Illum 12 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Borg detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 155778M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. U akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura DBM 953 ghad-dannu ta' Concetta O' Brien u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda kkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura DBM 953 ghad-dannu ta' Concetta O' Brien liema hsara teccedi il-euro 116.47;

3. U aktar talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound u oggetti ohra minn gewwa vettura BAA 357 ghad-dannu ta' Jason Dalli u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix il-Euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura BAA 357 ghad-dannu ta' Jason Dalli liema hsara ma teccedix il-euro 116.47;

5. U aktar talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound u oggetti ohra minn gewwa vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Cedric Frederic Moro u jew persuni ohra liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix il-euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Jason Dalli liema hsara ma teccedix il-euro 116.47;

7. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Settembru 2013 u 23 ta' Settembru 2013 gewwa l-Hamrun bejn it-20:00pm u 1:45am ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura ABX 463 ghad-dannu ta' Joseph Dimech u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura ABX 463 ghad-dannu ta' Joseph Dimech liema hsara ma teccedix il-Euro 116.47;
9. U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
10. Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 261, 263(a), 271(g), 278(1), 278(2), 325 (1)(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u lliberatu minnhom; In oltre din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-hames, is-sitt u l-ghaxar akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal sena prigunerija. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Borg, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **<u>TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-hames, sitt u ghaxar imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan billi **<u>TIDDIKJARAH</u>** mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement **<u>TILLIBERAH</u>** minn kull

htija jew piena; alternattivament **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena ta' prigunerija inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Stephen Borg huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-appellant fl-istqarrija tieghu li nghatat fl-4 ta' Frar 2014 jaghti rendikont car ta' fejn kien dakinhar tat-22 ta' Settembru 2013. Huwa qal li dakinhar ma kellux karozza u kien ivvjagga ghal qadi tieghu b'tal-linja. Huwa kien jghix mal-kunjata tieghu l-Fgura u wara li kien baqa' rieqed ghand il-kunjata filghodu, huwa qabad tal-linja lejn l-Imsida circa fil-hdax u kwart ta' filghodu u mar l-isptar St. Lukes sabiex jiehu l-mistura ghal hin ta' nofsinhar neqsin kwart. Wara mar jiffirma Birkirkara u peress li ommu toqghod Birkirkara kien ghadda jiekol ghandha ghal xi s-siegha ta' wara nofsinhar. Mis-siegha sal-hamsa hu kien qieghed m'ommu d-dar taghha. Mill-hamsa 'l quddiem huwa mar ir-Rahal Gdid jerga' jiffirma u rritorna d-dar ghand il-kunjata peress li ried ikun rinkazat sas-sebgha ta' filghaxija.

L-appellant jghid li fl-ebda hin ma kien resaq lejn il-Gzira dakinhar. Huwa gie akkuzat li seraq stereo mill-karozza in kwistjoni, izda l-appellant lanqas karozza ma kellu biex kieku jista' jmur jaghmel din is-serqa. Il-gurnata tas-serqa in kwistjoni kienet nhar ta' Hadd u l-appellant ikun dejjem m'ommu nhar ta' Hadd, kif fil-fatt qal fl-istqarrija.

L-appellant mill-bidu nett fl-istqarrija tieghu a fol 30 kien stqarr li lest li jaghti l-fingerprints tieghu lill-Pulizija u li kien lest li jikkowopera maghhom, minhabba li hu mal-ewwel cahad li ghamel is-serqiet in kwistjoni. A fol 52 u 53 tal-process PS 1392 Kevin Buhagiar xehed li dar il-karozza KBA 567 ghall-fingerprints u eleva impronta digitali minn fuq il-manual tal-vettura li nstab gewwa l-glove box. Tnejn mill-impronti li gew elevati minn fuq il-vettura KBA 567 qablu ma' tal-appellant. Il-Qorti ghalhekk iggustifikat is-sejbien ta' htija tal-appellant ghas-serqa mill-vettura KBA 567 sempliciment minhabba l-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-appellant fil-karozza (fol 3 tas-sentenza).

Illi bir-rispett kollu dan huwa ragunament zbaljat. Il-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni li l-appellant kien jahdem bhala dealer tal-karozzi flimkien ma' huh u missieru, u sahansitra ghandhom business ta' missieru li jismu 'Melliehi Autodealer'. L-appellant xoghlu kien li jahslu l-karozzi minn barra u minn gewwa, li jbiegh il-karozzi u anke jaghmlu t-transfers tal-logbooks tal-karozzi minn persuna ghal ohra. Mhux l-ewwel darba li l-appellant ghamel ghaxar transfers ta' karozzi f'gurnata. Facilment jista' jkun li din il-karozza in kwistjoni, u cioe` KBA 567 kienet tinsab ghandhom xi darba jew ohra u l-appellant kien qabad b'idejh il-manual taghha minn gol-glove box ghal finijiet ta' xoghol jew saqha minn post ghall-iehor u halla l-fingerprints tieghu go fiha.

**Piena Errogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe` ta' sena prigunerija, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi di piu', din l-Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi dan hu kaz illi sehh iktar minn erba' snin ilu.

Illi jekk l-appellant jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva hadd m'hu se jkun qieghed jibbenefika minn tali sentenza u din zgur li mhux ser tghin fir-riforma tal-appellant. L-appellant ghandu problema ta' droga u ghandu bzonn l-ghajnuna biex jeghleb dan il-vizzju. Huwa qatt ma ntbaghat jaghmel programm s'issa u jixtieq li jkollu din l-opportunità biex jibda bilmod jirriforma ruhu.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunità li taghti cans iehor lill-esponent bhala incentiv sabiex jibda miexi fit-triq it-tajba, izda minflok ghazlet li tikkundannah ghal zmien ta' sena prigunerija effettiva. Di piu', il-Qorti donnha ggustifikat il-piena li nghatat minhabba li l-appellant ghandu fedina penali voluminuza u ghandu l-addebitu tar-ricediva (fol 3 tas-sentenza)! Kienet il-Qorti stess li qalet li qed jinstab hati biss ta' serq wiehed minn vettura wahda imma xorta pprocediet biex taghtu piena karcerarja!

Illi l-Qorti u l-gurisprudenza nostrana dejjem ghallmuna illi persuna jkollha kemm ikollha kondotta kkulurita, ghandha dejjem tinghata c-cans li tirriforma, naturalment jekk turi x-xewqa li verament tirriforma. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2003, il-Qorti qalet illi:

*'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta … Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, ukoll inghataw opportunità ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe` fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi tieghu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi imposta fuqu Ordni ta' Probation.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u*

*minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet* ***<u>il-Pulizija V. George Farrugia</u>****: "Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija "irriversibbli" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv,* ***tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Rat l-atti kolha tal-kawza u l-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fl-atti. Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell u dan fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi din il-Qorti rat li l-appellant kien gie akkuzat b'ghaxar akkuzi kif indiakti aktar l' fuq u l-ewwel Qorti kienet illiberatu mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien akkuza kif addebitati fil-konfront tieghu u sabitu hati tal-hames, sitt u ghaxar akkuzi u kkundannatu sena prigunerija u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disa' akkuza u cioe' dik ta' ricettazzjoni peress illi fil-fehma taghha din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell li gie prezentat fir- registru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar il- 10 ta′ Lulju, 2018.

Illi minn esami ta′ dan ir-rikros jidher li l-avukat difensur tal-appellant stqarret li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif espost u ma tatx kaz l-alibi li ressaq l-appellant u fit-tieni lok li l-piena moghtija kienet wahda eccessiva.

Din il-Qorti pero′ tirrileva *ex ufficcio* li fit-talbiet tal-appellanti kif kontemplati fir-rikors tieghu hemm xi nuqqasijiet ta′ certu portata. Jinghad li l-appellanti talab ir-revoka tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-hames, tas-sitt u tal-ghaxar imputazzjoni billi tiddikjara lill-appellant mhux hati taghhom u konsegwentemen ttiliberah minnhom alternattivament tirrofrma is-sentena appellata fil-parti tal-piena ta′ prigunerija inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz. Jigi rilevat li l-appellant ma jsemmi xejn dwar l-akkuzi l-ohra fejn ma instabx hati taghhom u cioe′ tal-akkuzi wahda, tnejn, tlieta, erbgha u tat-tmien akkuza u lanqas ma isemmi xejn dwar dik l-akkuza numru disgha fejn l-ewwel Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni taghha statne li fil-fehma taghha inghatat b′mod alternattiv ghar-reat principali ta′ serq.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li fejn l-appellant ikun gie misjub hati ta' xi imputazzjonijiet u misjub mhux hati ta' ohrajn, ghandha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka jew thassir taghha. Dan jammonta ghal-karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9.

Il-legislatur evidentement ried meta introduca l-artikolu 419 fil-Kodici Kriminali li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun

qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' imputazzjoni wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena.[1]

Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall-ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-**piena ta' nullita'** fejn si tratta *inter alia* tat-talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl-artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l-avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. Ghalhekk din il-Qorti tattira l-attensjoni tal-avukat difensur odjern sabiex jiehu tghalima minn din is-sentenza biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta kunfuzzjoni ta' dan it-tip.

Pero statne li llum il-gurnata bl-applilakzjoni tal-ATT I tas-sena 2018 ma ghadx hemm nullita' f'kaz ta' nuqqas ta' konformita' ma dak li jiddisponi l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ser tkompli bis-smiegh tal-kawza.

Minkejja li hemm dan in-nuqqas din il-Qorti qed tifhem li ghandha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien akkuza tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' akkuza peress li l-ewwel Qorti astjeniet minnha ghaliex inghata b'mod alternttiv ghall-akkuzi ta' serq u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati ta' hames, sitt u ghaxar akkuzi.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tisma' x-xhieda in rigward ta' dawn it-tlett akkuzi rigward is-serqa li saret gewwa l-Gzira nhar it-22 ta' Settembru, 2013, konsistenti minn serq ta' apparat tas-sound u oggetti ohra minn gewwa vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Cedric Frederic Moro , liema serqa hi allegatament aggravata bil- mezz, valur u bix-xorta tl-haga misruqa, dwar l-akkuza ta' hsara volontarja fuq din l-istess vettura KBA 567 ghad dannu ta' Jason Dalli u tal-akkuza l-ohra li hu recidiv.

[1] Appell Kriminali Il-Pulizija v. Joseph John Agius, 9 ta' April 2003.

PS 70 Omar Caruana xehed nhar it-8 ta Ottubru 2015 (fol. 71) u stqarr li kien gie mghoti lifter li kien gie elevat mill-vettura numru ta' registrazzjon KBA 567 liema vettura kient giet misruqa nhar it-22 ta Settembru 2013. Kkonferma li dan il-lifter kellu tlett impronti differenti u huwa qabbel zewg impronti ma dawk ta' Stephen Borg karta ta' identita numru 155778M. Jghid li tahom kodici skond il-procedura tad-dipartiment tal-Forensika, il-marka 13CPS301B qablet mas-sebgha tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Stephen Borg u l-marka 13CPS301C qablet mas-sebgha l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Stephen Borg. Huwa hejja rapport li gie esebit u mmarkat bhala dok PC1 a fol. 73 ta l-atti.

**Ps 1392 Kevin Buhagiar** xehed nhar it-18 ta' Gunju 2015 (fol. 57) stqarr li huwa kien gie mitlub nhar it-22 ta Setembru 2013 mill-Ispettur Jonathan Ransley sabiex jaghmel ezamijiet forensici fuq il-vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni KBA 567. Huwa ghalhek ghamel dak mitlub minnu billi dar il-karozza ghall-fingerprints u fil-fatt eleva xi impronti digitali minn fuq il-manual tal-vettura li kien jinsab gewwa l-glove box. Huwa ghalhekk ipprezenta l-impronti digitali flimkien ma erba' ritratti fir-rapport tieghu li gie market bhala dok KB1.

**Maggur Edgar Dalli** xehed nhar it-8 ta Ottubru, 2015 u kkonferma li kien ivverifika zewg impronti li huma imqabblin ma ta' Stephen Borg mas-sebgha l-werrej u mas-sebgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tieghu. Dan ix-xoghol ivverifikah mas-Surgent Omar Caruana.

**WPS 33 Bernardette Valletta** xehdet nhar is-26 ta' Marzu, 2016 (fol. 106) u murija id-dokument esebit fl-atti a fol 34 markat bhala dok AM4 tikkonferma li dik hi l-okkorrena redatta maghha dwar rapport li sar in konnessjoni ma serqa li sehhet fit-22 ta' Settembru, 2013. Spjegat li ghall-habta tat-3.30p.m. dahlet informazzjoni gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema illi fi Triq tas-Sliema kien hemm tlett karozzi li kienu sofrew xi hsarat kif ukoll li kellhom l-hi-fi equipment misruq minn go fihom. Marret fuq il-post u hemmhekk sabet tlett karozzi ipparkjati u wahda minnhom kient KBA 567. Ikkonfermat li din kellha affarjiet nieqsa minnha. Iccekjat l-area ghal CCTV izda ma kienx hemm. Tkellmet ukoll mal-Welcome garage li jigi

faccata u li kien jigu iz-ziju ukoll ta' wiehed mill-vittmi fejn min naha tieghu qal li ma ra xejn ghax kien fuq in-naha ta' gewwa tal-garage.

Jason Dalli xehed nhar it-13 ta' Lulju 2016 (fol. 109) u kkonferma li kien ghamel rapport wara li kienu cemplulu mill-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema fejn infurmawh li kellu l-hgiega tal-karozza tieghu miksura u kellu jinzel jara jekk kienx hemm xi affarijeit neqsin. Nizel wara x-xoghol u sab li kellu xi afarijeit misruqa u qalilhom bihom. Fost l-affarijeit li insterqulu kien hemm in-nuccali tal-vista, xi flus u l-istereo. Qal li l-karozza hi tal-ghamla Peugeot 306. Ikkonferma li kien halla l-karozza ipparakjata fi Triq Tas-Sliema, il-Gzira quddiem l-Welcome Gagare. Qal li bhala valur jistma li l-affarjiet li gew misruqa kellhom valur ta' circa €400. Qal li hu rranga it-tieqa wkoll u b'kollox qal li sofra danni fl-ammont ta €450 bejn hsara u valur tal-oggetti li insterqulu.

L-appellant **STEPHEN BORG** ma xehdx pero' rrilaxxja stqarrija li giet markata bhala dok AM2 esebita fl-atti a fol 2 esebita mill-Ispettur Arthur Mercieca. Mistoqsi x'setgha jghid dwar is-serq tal-vettura tal-ghamla Peugeot 302 li kienet ipparkjata fi Triq Tas-Sliema, Gzira mhar it-22 ta' Settembru 2013 x'kellu xi ighid, wiegeb 'mhux jien'. Spjega li dakinhar kien rieqed id-dar ghand il-kunjata il-Fgura sa nofsinhar, wara mar jiffirma B'kara ghadda jiekol ghand ommu u rega nizel il-Fgura.

Dawn huma l-provi prodotti f'din il-kawza li ghandhom x'jaqsmu mal-akkuza ta' serq tal-Peugeot 302 numru ta' registrazzjoni KBA 567.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-prosekuzzjoni fil-hames akkuza, akkuzat lill-appellant li seraq hi-fi equipment mill-vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni KBA 567 ghad-detriment ta' Cedric Frederic Moro. Minn ezami tal-process jidher li din il-persuna ma gietx imharrka biex tixhed f'dawn il-proceduri minkejja li allegatament is-serqa saret ghad-detriment taghha. Dwar din is-serqa li saret mill-vettura KB 567, hemm imnizzel li l-ewwel vitma hi Concetta O' Brien, it-tieni hi Cedric Frederic Moro u t-tielet vittma hi Jason Dalli. Pero' meta l-Qorti ezaminat ghaliex huma vittmi u ta' xhiex, irrizuztla li l-Hi fi equipment li nsteraq

mill-vettura numru ta' registrazzjoni KBA 567 tal- ghamla Blaukpunt kien proprjeta' ta' Concetta O' Brien, pero' l-prosekuzzjoni ma harget l-ebda akkuza ta' serq li sar ghad-detriment taghha. Dwar it-tieni vittma u cioe' Cedric Frederic Moro jirrizulta li dan kien sid il-hi-fi equipment li nsteraq mill-istess vettura tieghu numru ta' registrazzjoni KBA 567 pero' l-ghamla ta' tali equipment ma kienx mgharuf. Waqt li it-tielet vittma u cioe' Jason Dalli kien sid il hi-fi equipment li nsteraq mil-vettura KBA 567 fejn l-marka ta' tali equipment ukoll ma kienx mgharuf.

Hemm imnizzel fir-rapport li l-vettura KBA 567 tappartjeni lil Cedric Fredric Moro. Resident San Giljan. Dan ix-xhud pero' ma xhedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti hija sprovista minn l-ahjar prova dwar is-serqa tal-hi-fi li saret fil-konfront tieghu skond ma gie akkuzat l-appellant li ghamel. L-unika referenza li hemm ghal dan ix-xhud Cedric Fredric Moro hija fl-okkorrenza esebita a fol. 34, fejn WPS 33 tghid li tkellmet mieghu u dan ikkonfermalha li kien ipparkjaha l-vettura hemm fi Triq tas-Sliema, l-Gzira ghall-habta ta' 1.20 p.m. ta' l-istess jum tat-22 ta' Settembru 2018.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li m'hix qed issib lill-appellant hati tal-hames akkuza u qed tilliberah minnha.

Dwar is-sitt akkuza u cioe' li kkometta hsara fuq il-vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Jason Dalli liema hsara ma teccedix €116.47 jinghad li l-vettura ma tappartjenix lil Jason Dalli izda lil Cedric Frederic Moro. Il-Qorti ma tistax tifhem kif Jason Dalli qal li kellu ibiddel it-tieqa tal-vettua meta l-vettua ma tirrizulax li hija prorpjeta' tieghu. Il-prosekuzzjoni kellha tressaq rapprrezentant ta' Transport Malta jipprova lil min tghajjat il-vettura KBA 567 u dan bhala best evidence. Dan qed jinghad ghaliex fl-okkorenza a fol. 38 hemm miktub li l-vettura tghajjat lil Cedric Frederic Moro waqt li Jason Dalli fix-xhieda tieghu jghid li kellu hsarat fit-tieqa tal-vettura. Il-Qorti fliet l-atti biex tara jekk in effetti l-prosekuzzjoni gietx ezntata mili tressaq lil Cedric Frederic Moro bhala xhud jew li tressaq rapprezentant ta' Transport Malta biex jikkonfermaw min hu sid il-vettura pero' dan ma hux il-kaz u ghalhekk a bazi ta' dan il-konflitt u nuqqas ta' prova ta' min hu sid il-vettura zgur li din il-Qorti ma tistax issib htija.

Jibqa' ghalhekk l-ghaxar akkzua u cioe' dik tar-recidiva. Una volta l-appellant ma instabx hati tal-ebda akkzua din l-akkuza ma tistax tirrizulta u dan ghaliex trid tkun marbuta ma akkuza fejn il-Qorti qed issib htija.

F'din il-kawza l-Qorti thoss li hu opportun tirrimarka li kien hemm hafna nuqqasijiet min naha tal-prosekuzzjoni u allura minkejja li kien hemm positive match ma impronta digitali tal-appellant ma dokument li instab fil-vettua KBA 567 xorta din il-Qorti ma setghetx issib htija.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija fil-konfront tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien akkuza kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn astjeniet li tiehu konjizjoni tad-disa' akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq tirriformaha fir-rigward ta' dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-hames, sitt u ghaxar akkuzi u dan bili tiddikjara li m'hix qed issibu hati taghhom u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur